MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmiem Legislatura

## Laqgħa Numru 01

## 2 ta` Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghaxra ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Kunsillier
Is-Sur Christopher Cassar - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Dr. Amanda Cini – Kummissarju tal-Gustizzja

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur John  Boxall bhala l-aktar kunsillier li serva fil-Kunisll u ghandu l-aktar esperjeza qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

### 01.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li ma kienx hemm ebda ittri ta` apologija.

### 01.2 Accetazzjoni tal-Kariga ta` Sindku

Dr. Amanda Cini talbet lis-Sur John Boxall, l-kunsillier li gie elett bl-aktar ammont ta` voti jekk jaccetax il-hatra ta` Sindku.

Il-Kunsillier John Boxall qara u ffirma d-dikjarazzjoni ta` Accettazzjoni tal-Hatra ta` Sindku.

Dr.Amanda Cini ddikjarat lis-Sur John  Boxall Sindku tal-Birgu.

Is-Sindku, Sur John Boxall irringrazzja lill-Kunsilliera kollha prezenti u kompla jippresedji laqgha.

### 01.3 Accetazzjoni tal-Karga ta` Vici Sindku

Is-Sur John Boxall staqsa lill-Kunsillier is-Sur Christopher Cassar jekk jaccettax il-hatra ta` Vici - Sindku.

Il-Kunsillier Christopher Cassar qara u ffirma d-dikjarazzjoni ta` Accettazzjoni tal-Hatra ta` Sindku.

Is-Sindku s-Sur John Boxall iddikjara lis-Sur Christopher Cassar bhala l-Vici Sindku tal-Birgu.

Il-Vici Sindku, Christopher Cassar irringrazzja lill-membru kollha prezenti

**01.4 Karigi tal-Kunsilliera**

Is-Sindku s-Sur John Boxall resaq l-assenjazzjoni tal-responsabilitajiet li kull kunsillier ser ikollu matul din il-legislatura wara li gew ikkonsultati ma`kull wiehed minnhom.

Is-Sur John Boxall – Sindku: Progetti Kapitali, Finanzi u l-Anzjani
Is-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku: Inovazzjoni, Sports u Attivitajiet Fizici, u Regjun
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier: Indafa, Ambjent, Harsien tal-Annimali
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier: Edukazzjoni, Progetti tal-Unjoni Ewropeja, Zghazagh u Tfal
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier: Kommunitajiet, Qasam Socjali u Integrazzjoni Socjali.

Is-Sindku zied jghid li settur tal-kultura ser ikun responsabilita tal-kulhadd peress li llum fost il-kunsilliera eletti hemm kunsilliera li ghandhom esperjenza vasta f`attivitajiet kulturali. Is-Sindku staqsa lill-kunsilliera kollha jekk humiex kuntenti b`dak fdat lilhom ghal matul din il-legislatura kollha. Il-Vici-Sindku u l-kunsilliera rrispondew fil-pozittiv.

Is-Sur John Boxall, Sindku propona sabiex il-laqghat tal-Kunsill jibdew issiru kull l-ewwel Tlieta ta` kull xahar. Ghal dan il-proponiment kien hemm qbil unanimu.

**01.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha neqsin kwart ta` filghaxija (6.45pm) u giet aggoranta ghal nhar it-Tnejn 8 ta` Lulju 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 8 ta` Lulju 2019

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

John Boxall
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv